MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2011

Numru. 73/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Angelo Gafa`]**

**vs**

**Aaron Sladden**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Aaron Sladden detentur tal-karta tal-identita` numru 222172(M).

Akkuzat talli:
f'dawn il-Gzejjer, fis-6 ta' Mejju 2009 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ikkorrompejt ufficjal jew impjegat pubbliku li naqas li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel;

kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, tajt ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew geghelt li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, jew tajt struzzjonijiet biex isir id-delitt, jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghent jew assistejt lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, taw dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;

u aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, tlabt, ircevejt jew accettajt xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalik innifsek jew ghal hadd iehor bil-ghan tesercita xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, tajt ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew geghelt li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, jew tajt struzzjonijiet biex isir id-delitt, jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghent jew assistejt lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz;

u aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, tajt ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew geghelt li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, jew tajt struzzjonijiet biex isir id-delitt, jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghent jew assistejt lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, halfu l-falz quddiem ufficjal li kellu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikoli 109 u 119 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 17(h), 42(d), 18, 115(c), 120(1),185(1),121A(2), 188, 108 u 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni mill-imputat tal-ewwel erba' akkuzi kif dedotti kontrih, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, stante li l-fedina penali tal-istess ghalkemm mhijiex wahda netta mhijiex tali li tipprejokkupa l-Qorti u stante li l-imputat ikkopera mal-prosekuzzjoni, qed issib lill-imputat Aaron Sladden hati tal-ewwel erba' akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin, filwaqt li tilliberah mill-hames akkuza stante li ma tirrizultax mill-provi li l-imputat qatt inghata xi gurament u anke in vista tal-verbal tal-prosekuzzjoni fl-udjenza li ggib id-data ta' din is-sentenza.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------